MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 332/1994/2

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assigurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Muscat Motors Limited**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` Muscat Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur Livorno Bridge konsenja ta' vetturi Rover li waslu Malta fit-2 ta' Mejju 1993;

Premess illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bin-nuqqasijiet u danni elenkati fid-Dok. A;

Premess illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni lill-attur *nomine* u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija u ghaxar liri u sebghin centezmu (Lm410.70,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' tmienja u sittin lira (Lm68) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur *nomine* fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira u sebghin centezmu (Lm478.70,0);

Premess illi l-konvenuti *nomine* huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur *nomine* li ghalihom ghamel tajjeb l-attur *nomine*;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta' Lm478.70,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm478.70,0 bhala danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti *nomine*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat li rcievitha;

2. Illi fit-tieni lok ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-*cheque* li bih sar il-pagament ta’ Lm410.70.0 lill-Muscats Motors Limited;

4. Illi l-esponenti jirreferu ghas-sentenza dwar is-*survey fees* allegati ma jistghux jigu riklamati stante li m’humiex danni ta’ l-assigurat u l-interessi jiddekorru meta l-ammont jigi likwidat, stante li sitratta dwar kawza ta’ danni (Sentenza tal-Qorti ta l-Appell - Sede Kummercjali - deciza fis-sitta t’April, 1992 - Citaz. Nru. 112/86) fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u KF 811/92 Dr. Robert Staines u S. Mifsud u Godwin Abela fit-tlieta (3) ta’ Frar, 1994;

5. Illi ghalhekk il-konvenuti mhumiex risponsabbli ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations Sub-Inciz (3) u l-Artikolu 90 tal-Port Regulations (Part VII) *warehousing/goods stored in the open and desposited in the open always at the sole risk of the Owner*, u ghall-

Artikolu 86 dwar il-Portijiet ta’ l-1966 dwar pakki difettusi, u Artikolu 6 tal-Ports Ordinance;

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd., ma tistax tinsab risponsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-imsemmi konvenut Godwin Abela *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 1994 illi permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Peter Fenech biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, il-konvenut Godwin Abela *nomine* mhux risponsabbhi ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala “units” u tinghata biss ricevuta bhala tali “units”;

2. Illi ai termini ta’ l-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962, la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala “units” dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull risponsabilita`;

3. Illi wkoll a bazi ta’ l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations, 1966, l-impurtatur jaf li tali merkanzija tinhazen “*in the open and always at the sole risk of the owner*” u ghalhekk anke f’dan il-kaz is-socjeta` konvenuta mhux risponsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 75 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-15 ta’ Mejju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi *marine cargo claim*. L-assigurat Muscat Motors Limited importa numru ta’ vetturi li dwarhom irriskontra danni li gew kwantifikati. Huwa ressaq il-*claim* tieghu u thallas mis-socjeta` assiguratrici attrici. Din giet surrogata fid-dritt litigjuz ta’ l-assigurat taghha u allura pprocediet kontra s-socjeta` konvenuta ghar-rizarciment tad-danni;

Kif manifest f’bosta gudikati ohra s-socjeta` konvenuta tikkampa d-difiza taghha fuq is-soliti eccezzjonijiet standard u rikorrenti f’kawzi ta’ din ix-xorta. Dan f’tentattiv li tezimi ruhha ghal kollox minn kull addebitu ta’ htija. Eccezzjonijiet pero` li kif stabbilit mill-Qrati ghal fatti konsimili gew rigettati bhala mhux applikabbli. Dan maggorment fil-kaz ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 50 tal-process;

Hekk is-socjeta` konvenuta tinvoka l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta’ l-Ordinanza dwar il-Port, 1962 u d-disposizzjonijiet tal-Port Regulations, 1966, li dejjem skond il-fehma taghha, meta applikati ghall-operat taghha, kellhom jircievu favur. Dan indipendentement mill-obbligi statutorji li jghoddu ghad-depozitarju ta’ hwejjeg haddiehor. *Inter alia*, l-obbligu baziku tal-harsien u l-kustodja *uti bonus paterfamilias* kif sancit fl-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti, bhal Qrati ohra qabilha, ma tistax taccetta disposizzjonijiet generici li jiskolpaw, irrispettivament mill-agir ta’ min kien bil-ligi tenut ghall-kustodja ta’ hwejjeg haddiehor. Jirrizulta pacifikament

assodat illi tali provvedimenti jew klawsoli ta’ ezoneru minn dejjem gew meqjusa mill-Qrati b’mod kritiku, jekk mhux ukoll sospett. B’ezemplari wiehed jista’ jaccenna ghad-decizjonijiet fl-ismijiet “**Formosa & Camileri Ltd *nomine* -vs- Sea Malta Company Limited *et***”, Appell, 1 ta’ Marzu 1999 u “**Avv. Peter Borg Costanzi *nomine* –vs- Sullivan Maritime Limited *et***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999, fost skorta ta’ ohrajn;

Gurisprudenza din li kif intqal f’din l-ahhar citata sentenza “irriteniet li s-socjeta` appellanti (Cargo Handling Company Limited) tibqa’ fil-principju responsabbli bhal kull depozitarju iehor ghall-oggetti fdati f’idejha u kellha allura tirrispondi ghall-hsarat u danni fejn dawn setghu jigu addebitati ghal xi nuqqas taghha. Kif gie ritenut, klawsola ta’ ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-culpa ljievi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta’ dak il-grad normali ta’ diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-ezekuzzjoni ta’ kull obbligazzjoni *in genere*”;

Ma jidherx ghalhekk li din il-Qorti ghanda tinoltra ruhha fuq l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati, anke ghaliex din l-istess Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni titratta dwarhom fid-decizjoni taghha tad-9 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza “**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* –vs- Adrian Mifsud *et nomine***”, ghal liema qed issir ampja referenza;

Minn dak kostatat mill-provi isir rikjam ghas-segwenti:-

I. Kemm mit-*tally clerk* inkarigat mir-rapprezentant tal-vapur u minn dak imqabbad mis-socjeta` konvenuta irrizulta li t-*tallying* kien wiehed “*joint*”. Sew Anthony Gravino (fol. 125), sew Sunny Mizzi (fol. 127) jikkonfermaw illi skond it-*tally sheet* (fol. 37) meta l-vetturi tnizzlu minn abbord il-vapur “Livorno Bridge” il-vetturi tal-marka Rover la kellhom hsarat u lanqas nuqqasijiet;

II. Dan il-fatt ma huwiex kontestat mis-socjeta` konvenuta ghalkemm bhala skuzanti tavvanza t-teorija li l-ivverifikar isir bil-ghaggla u mhux b’mod akkurat. Ara

xhieda ta' l-imsemmi Sunny Mizzi u d-deposizzjoni ta' Peter Bonello (fol. 128);

III. Mario Muscat, *delivery clerk* tas-socjeta\` konvenuta (fol. 126) ikkonferma l-kontenut ta' dak registrat minnu fil-*Gate Pass Out* (fol. 31) ghal dawk li huma nuqqasijiet. Dikjarazzjoni din sostenuta bil-firma fuq dan id-dokument portwali ta' Sandro Bugeja, impjegat bhala *shipping clerk* tas-socjeta\` importatrici (fol. 122);

IV. Joseph Catania (fol. 120) u John Borg Bellanti (fol. 123) jistabilixxu fix-xhieda rispettiva taghhom in-nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi kemm fil-kors ta' l-ezami fir-*restricted customs area*, kif ukoll fl-ispezzjoni kondotta meta l-vetturi kienu fl-imhazen tas-socjeta\` importatrici;

Bhala rilevanza jigi notat illi tassumi importanza centrali l-fatt illi l-*joint tally sheet* ma kellha l-ebda rimarki dwar l-istat tal-vetturi fil-mument tal-hatt. Tali dokument jistabilixxi b'mod konklussiv illi meta l-kariku ghadda f'idejn is-socjeta\` konvenuta dan hekk ghadda fi stat integru. Mill-banda l-ohra, l-*Gate Pass Out* redatt fil-mument tar-rilaxx juri minghajr ombra ta' dubju, u allura wkoll b'mod konklussiv, illi meta l-karozzi gew konsenjati lill-importatur dawn kellhom in-nuqqasijiet kif fuqu annotati;

Fic-cirkostanzi ghalhekk difficilment tista' tigi delinejata raguni plawsibbli biex il-Qorti tinjora l-korrettezza ta' dawn id-dokumenti portwali. Tabilhaqq jista' jinghad illi "*contra factum non est argumentum*". U allura l-Qorti mhix lesta li taccetta facilment u b'mod legger l-argument, propost dan *ex post facto* r-redazzjoni tal-*joint tally*, illi tezisti cirkostanza li tqieghed in diskussjoni dan id-dokument. Cirkostanza konsegwita minhabba l-ghaggla u l-pressjoni tax-xoghol. Tali cirkostanza, ghalkemm f'dati sitwazzjonijiet tista' tircievi attenzjoni, fil-kaz in ispecie ma tokkorrix. U l-ebda stqarrija verbali ma tista' ghal daqshekk biss tinficja jew tadombra l-*joint* taly;

F'materja bhal din il-Qorti takkolji l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fejn irreflettiet is-segwenti:-

"Id-danni riskontrati kwazi fit-totalita` taghhom ma humiex addebitati ghall-hsarat fil-vetturi imma ghan-nuqqasijiet ta' *parts* u accessorji, uhud minnhom fuq in-naha ta' barra tal-*body* tal-vetturi li certament ma setghux jeludu l-attenzjoni ta' min kien qieghed jikkonduci t-*tally* li kieku dawn kienu neqsin fil-mument ta' l-izbark. Nuqqasijiet li huma facilment addebitabbli ghal *pilferage* li presumibilment sehh wara li l-merkanzija giet zbarkata" – "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* –vs- Godwin Abela *et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Bhal perit legali qabilha din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma ssostnix it-tezi attrici illi d-danni tabilhaqq avverew meta l-vetturi kienu taht il-kontroll effettiv tas-socjeta` konvenuta. Is-*survey* (fol. 6) kondott stabilixxa mhux biss dawn id-danni izda ikkwantifikahom ukoll. *Survey* li del resto isostni u jikkonferma n-nuqqasijiet dikjarati fil-*Gate Pass Out*, jelabora dwarhom u jaghti kwadru aktar preciz u dettaljat;

Fejn din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tal-perit legali jikkoncerna l-kwestjoni tas-*survey fees*;

Hi ormai gurisprudenza kostanti illi dawn is-*survey fees* jitqiesu spiza accessorja u necessarja inkorsa biex jigu stabbiliti d-danni reklamati u ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghal hlas taghhom. Mill-banda l-ohra hu wkoll stabbilit f'diversi gudikati li kienu biss dawk is-*survey fees* li jirrizultaw li kienu mehtiega biex jigu stabbiliti d-danni pretizi li setghu jigu reklamati. Fir-rigward tghodd id-decizjoni fl-ismijiet "**Avukat Dottor Robert Staines *nomine* –vs- James Gollcher *et nomine et***", Appell, 30 ta' Marzu 2001;

Ghan-numru ta' vetturi li dwarhom gew riskontrati nuqqasijiet ma jidherx li l-ammont mitlub bhala *survey fees* huwa esagerat u ghalhekk din il-Qorti ma taqbelx li dawn ghandhom jigu skartati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta’ l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, takkolji l-ewwel domanda attrici billi tirritjeni lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni subiti fil-vetturi importati mill-assigurat tas-socjeta` attrici;

Tilqa’ t-tieni domanda billi tillikwida d-danni subiti fl-ammont mitlub ta’ erba’ mija tmienja u sebghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm478.70,0);

Tilqa’ konsegwentement it-tielet domanda billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` assiguratrici attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (12 ta’ April 1994).

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tas-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------